PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

# P.L. 6871

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 373 tas-6 ta' April 2016 mill-iSpeaker, l-Onor Anġlu Farrugia.

_____________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA - KWALIFIKI TAL-ISTAFF**

**42. L-Onor. Luciano Busuttil jistaqsi lill-Ispeaker**: Jista' l-Ispeaker jagħti lista, bl-esklużjoni tal-Awditur u Deputat Awditur, ta' persuni impjegati fi ħdan l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika li għandhom fit-titlu tad-desinjazzjoni ta' xogħolhom il-kelma "awditur"? F'kull każ, jista' jingħad liema minn dawn il-kwalifiċi kellhom: *degree* terzjarju fl-*accountancy*, kwalifika ekwivalenti bħal ACCA, *warrant* ta' *accountant* u permess biex jeżerċita ta' awditur - meta ġew impjegati u meta ġew assenjati xogħol li fit-titlu tad-desinjazzjoni tiegħu hemm il-kelma "awditur"? F'każ li ma kellhom l-ebda wieħed minn dawn il-kwalifiċi, f'kull każ, x'kienu l-kwalifiċi tagħhom meta daħlu jaħdmu l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika? F'kull każ, x'avvanz għamlu fil-karriera tagħhom fi ħdan l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika? F'każ ta' persuni li ġabu xi waħda mill-kwalifiċi msemmija aktar 'il fuq wara li daħlu jaħdmu mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, liema kwalifiċi ġabu, u ġewx mogħtija għajnuna finanzjarja jew mod ieħor mill-istess Uffiċċju biex iġibu l-kwalifika tagħhom, flimkien mal-kwantifikazzjoni tal-istess għajnuna f'kull każ?

15.03.16

**SPEAKER:** Is-Sedja rċeviet it-tabella ta' hawn mingħand l-Awditur Ġenerali biex twieġeb il-mistoqsija rigward il-kwalifiki tal-persuni li hemm impjegati bħala awdituri fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

| **Kwalifika** | **Numru ta' Impjegati** |
|---|---|
| PHD | 1 |
| Doctor of Laws LL.D | 1 |
| Masters in Accountancy | 2 |
| Masters in Business Administration | 5 |
| Masters in Management | 1 |
| Masters in Public Policy | 4 |
| ACCA | 6 |
| Bachelor of Honours (Accountancy) | 16 |
| BSc Computer and Information Systems | 1 |
| Bachelor of Honours in Business Administration | 1 |
| Bachelor of Honours in Engineering | 1 |
| Bachelor of Honours in Public Policy | 1 |
| Diploma | 6 |
| **Total** | **46** |

Is-Sedja informata li apparti minn hekk, hemm ħmistax-il impjegat li għandhom il-*warrant* ta' Awditur u *Accountant*, tnejn li għandhom il-*warrant* tal-*Accountant* u tliet impjegati li għandhom is-CISA.

Kien hemm madwar għaxra li ġabu l-ogħla kwalifika tagħhom meta diġà kienu impjegati mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Bħalma ntqal fi tweġiba preċedenti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tax-xogħol tiegħu, l-NAO ma jħossx li jkun sewwa u xieraq li jingħataw aktar dettalji bl-ismijiet individwali tal-impjegati. Naturalment, jekk l-Onor. Interpellant jeħtieġ iktar informazzjoni dwar xi impjegat/i partikolari li preżentament hu/huma impjegat/i f'dan l-Uffiċċju, hu mitlub jagħmel talba speċifika f'dan il-kuntest.

Seduta 373
06.04.16